**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 17 – 13 ta' Marzu 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 17. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| Assenti: | George Cortis | Kunsillier |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti qal li xtaq jieħu l-okkażjoni sabiex jifraħ lil Dr. Godfrey Farrugia talli ġie elett fil-Parlament u maħtur bħala Ministru. Is-Sindku fakkar li Dr. Farrugia kien l-ewwel Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li diġa kellu l-opportunità li jitkellem ma' Dr. Farrugia li wera x-xewqa li jagħmel żjara l-Kunsill b' mod uffiċjali.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm żewġ settijiet ta' minuti sabiex jiġu approvati, u ressaq il-minuti ta' Aġenda 14 u Aġenda 15 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 14 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (77).

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 15 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-minuti ġew approvati (78).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Philip Said talab kjarifika fuq punt 5.1 tal-minuti ta' Agenda 14. Is-Sindku spjega.

2.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab li jkun jaf jekk madwar Ħaż-Żebbuġ jeżistux skips fejn jista jintrama skart domestiku. Is-Sindku wieġeb li l-iskips li hemm madwar Ħaż-Żebbuġ qegħdin hemm biss għal skart riċiklabli.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Project Manager Philip Gatt irċieva ittra mingħand is-sur Mario Debattista, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern, fejn ġie nfurmat li l-kuntratt ta' impjieg fuq bażi definita li għandu ġie mibdul f' wieħed fuq bażi indefinita. Is-Sindku spjega li din kienet proċedura normali qabel elezzjoni.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li f' din l-iskeda tal-pagamenti kienu qegħdin jitressqu biss ħlasijiet kuntrattwali. Is-Sindku spjega kif il-pajjiż qiegħed fuq budget ta' emerġenza minħabba li ma ġiex approvat il-budget u li d-dipartimenti tal-gvern ingħataw fondi biss għall-ewwel erbgħa xhur tas-sena. Is-Sindku spjega wkoll li mill-budget limitat li ġie allokat lill-Kunsill sa April tnaqsu xi ammonti dovuti lill-Wasteserv u allura għal dan ix-xahar il-Kunsill kien f' pożizzjoni li jonora biss il-ħlasijiet kuntrattwali.

4.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li ma kienet sodisfatta xejn bix-xogħol imwettaq mill-kuntratturi tat-tindif taż-żoni urbani u dak tat-tindif tas-soft area. Il-Kunsilliera Sammut qalet li l-kuntrattur tal-knis ma kienx qiegħed jagħmel xogħolu sewwa u speċjalment fiż-żona tal-monti jkun hemm ħafna boroż jiġru. Rigward il-kuntrattur tas-soft areas, il-Kunsilliera Sammut qalet li dan bħal donnu jistenna l-ewwel ġimgħa tax-xahar biex jagħmel xi ħaġa ħalli f' għajnejn il-Kunsilliera jidher li kollox ikun sew hekk kif tkun ġejja l-laqgħa imma fil-kumplament tax-xahar dan ma jagħmilx xogħolu sew.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-appell li hemm fuq it-tender tat-tindif taż-żoni urbani u qal li dawn l-ilmenti kollha se jitressqu f' dan l-appell. Is-Sindku qal ukoll li filwaqt li jaqbel li s-servizz li qiegħed jingħata mhux wieħed sodisfaċenti, parti mit-tort kien tal-bejjiegħa tal-monti li jħallu ħafna ħmieġ warajhom. Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm bżonn ta' aktar infurzar kemm rigward ħinijiet kif ukoll fuq indafa.

4.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li mhux sewwa li l-Kunsill kien qiegħed jaħli r-risorsi tiegħu billi jnaddaf wara l-bejjiegħa tal-monti.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jissuġġerixxi li l-Kunsill għandu jerġa jibda jagħmel ir-rassegna tal-bejjiegħa tal-monti kuljum għal sitt ġimgħat u l-warden iqassam ittra lill-bejjiegħa fejn tinġibed l-attenzjoni fuq l-indafa u l-bejjiegħa jiġu nfurmati li jekk ma tinbidix is-sitwazzjoni kien ħa jiżdied l-infurzar dwar l-indafa.

4.6. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ipproponiet li ssir bye-law rigward l-indafa fuq il-monti. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu jistudja jekk il-legal notice li tirregola is-swieq fil-beraħ tkoprix il-kwistjoni tal-indafa u jekk il-Kunsill ma jkunx kopert b' din il-legal notice issir bye-law. Is-Sindku propona li l-Kunsillier Roderick Aquilina bħala l-Kunsillier responsabli mill-affarijiet legali jistudja din il-legal notice.

4.7. Il-Kunsillier Duncan Bartolo ssuġġerixxa li l-Kunsill ifittex l-għajnuna tal-Greenpak fil-ġbir ta' dan l-iskart.

4.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien qiegħed jikkunsidra l-possibiltà li minflok joħroġ tenders għal ċertu tipi ta' servizz ta' ndafa, il-Kunsil jimpjega numru ta' persuni fuq il-paga minima u jagħmel ix-xogħol permezz tagħhom u jkollu aktar kontroll fuq il-mod kif isir ix-xogħol u l-kwalità tiegħu.

4.9. Il-Kunsilliera Catherine Sammut kritikat ix-xogħol li jsir mill-kuntrattur responsabli mis-soft areas, speċjalment fejn tidħol iż-żamma ta' ndafa fil-ġonna għax dan huwa l-uniku post rikreattiv fil-lokal.

4.10. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera għal xiex jirreferu t-tipping fees tal-Wasteserv.

4.11. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li biex tivvota favur pagamenti numru 2 u 5, jrid ikollha assigurazzjonijiet li dawn ħa jibdew jagħmlu xogħolhom b' mod aħjar. Kien hemm ftehim li tintbagħat ittra lill-kuntratturi fejn tintwera d-diżappunt tal-Kunsilliera dwar il-livell ta' servizz li qed jofru u jekk ma jkunx hemm bidla l-Kunsill jirreferi għal default notices.

4.12. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut.

Il-pagamenti ġew approvati (79).

## 5. TENDER STREETLIGHTING VJAL IL-ĦELSIEN

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li hekk kif miftiehem it-tender tal-Streetlighting ta' Vjal il-Ħelsien għalaq il-Ġimgħa 8 ta' Marzu 2013. Is-Sindku qassam kopja tar-rapport ta' aġġudikazzjoni teknika preparat minn Cyan Engineering li kienu l-inġinjiera li taw il-konsulenza tagħhom lill-Kunsill f' din il-kwistjoni.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill irċieva tlett offerti;

Enesmart Ltd
MicaMed Ltd
MCE

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti qara r-rapport tekniku. Saret diskussjoni dwar ir-rapport tekniku.

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti propona li l-Kunsill jimxi fuq ir-rapport ta' aġġudikazzjoni tal-Inġinjiera mqabdin mill-Kunsill, u jintgħażel il-kuntrattur MicaMed Ltd. Il-proposta tas-Sindku ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-mozzjoni ġiet approvata (80).

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar li l-Kunsill rebaħ punt fuq din il-kwistjoni għax il-Kunsill mhux se jkun qiegħed iħallas għall-konsum tad-dawl, sar *statement* favur l-ambjent għax il-Kunsill se jmur għal sistema ta' LED's u l-Kunsill franka wkoll il-flus.

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija minn naħa tal-Kunsilliera

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għall-4 ta' April fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fit-8.10pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |